MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 557/2003

**Middlesea Insurance p.l.c. proprio u kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Vincent Vella abbazi tal-polza tal-assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Vincent Vella**

**Vs**

**Ivan Micallef**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' sitt mija u wiehed u disghin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm691.65c) rapprezentanti danni sofferti minnhom konsegwentement ghall-incident stradali li sehh fit-28 t'April, 2002 fis-saghtejn ta' filghodu (2.00a.m) fi Triq tas-Swatar, l-Imsida bejn il-vettura tal-marka Peugeot 306 numru HAN 461 appartenenti lil Vincent Vella li dak il-hin kienet misjuqa minn ibnu Marco Vella u l-vettura tal-marka Skoda 120L bin-numru KAT 405 misjuqa mill-konvenut Ivan Micallef

liema ncident sehh unikament minhabba negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti da parti tal-konvenut. L-imsemmija somma mitluba tirrapprezenta kwantu ghal hames mija u disgha u sebghin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm579.65c) bhala danni sofferti minn Vincent Vella u li ghalihom gie kkumpensat abbazi tal-polza rilaxxata mill-atturi, tnax-il lira Maltin (Lm12) *survey fees* u mitt lira Maltin (Lm100) *excess* imhallas mill-istess Vincent Vella.

Ra li l-konvenut debitament notifikat la qatt deher u lanqas ma pprezenta Risposta ghalkemm dehru l-avukati ta' l-assigurazzjoni tieghu.

Sema' x-xhieda ta' PS 1102 Robert Everest, Shaun Mifsud u Marco Vella.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra li permezz ta' Nota pprezentata fl-20 ta' Frar, 2004 it-talba ta' l-atturi giet ridotta ghal hames mija u wiehed u sebghin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm571.65c) stante pagamenti fil-mori tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi z-zewg vetturi kienu ghaddejjin fit-triq tal-*by-pass* ta' Birkirkara sejrin mid-direzzjoni ta' Birkirkara lejn l-Universita'. Il-vettura misjuqa mit-tifel ta' l-attur kienet fuq il-*lane* ta' barra, mentri l-vettura misjuqa mill-konvenut kienet fuq il-*lane* ta' gewwa. Fil-post fejn sehh l-incident, f'parti minn din it-triq kien hemm *junction* biex min ikun gej mid-direzzjoni opposta seta' jaghmel *u-turn* madwar speci ta' *traffic island*.

Illi effettivament biswit dan it-*traffic island* jirrizulta illi l-vettura tal-konvenut li kienet *to the left* u ftit aktar 'il quddiem mill-vettura ta' l-attur, isswervjat ghall-gharrieda ghall-quddiem il-vettura ta' l-attur u b'hekk iz-zewg vetturi habtu. Id-daqqa ttiehdet fuq ix-xewka ta' quddiem fin-

naha tax-xellug fil-vettura ta’ l-attur u fir-rigward tal-vettura tal-konvenut, fuq il-bibien tal-genb fin-naha tal-lemin.

Jirrizulta wkoll illi qabel ma sehh l-incident, it-tifel ta’ l-attur ghafas il-*brake* u halla *4.2 metre brake marks* u liema *brake marks* m’humiex ghad-dritt izda jigbdu ‘l barra li jindikaw ukoll illi apparti li t-tifel ta’ l-attur ha prekawzjoni biex ghafas il-*brake* anki pprova jigbed ‘il hemm mill-vettura li qatghetlu t-triq minn quddiemu.

Jirrizulta wkoll illi fid-direzzjoni li fiha kien qed jipponta l-konvenut kien qed jidhol proprju fid-direzzjoni kontra l-*one-way* u kien vjetat li huwa jikser fuq il-lemin kif fil-fatt ipprova jaghmel, tant illi fuq l-i*sketch* hemm vlegga li tindika d-direzzjoni tat-traffiku w anki hemm *stop sign* ghall-vetturi li jkunu bi hsiebhom johorgu minn din it-triq.

Illi ghalhekk huwa manifest illi r-responsabbilta’ unika ghall-incident in kwistjoni hija tal-konvenut li minghajr pre-avviz u minghajr ma ha l-prekawzjonijiet xierqa w opportuni qasam mil-*lane* ta’ gewwa ghal-*lane* ta’ barra biex b’hekk ghalaq il-karreggjata ta’ l-attur u b’rizultat ta’ dan ikkawza l-incident. Din kienet il-kawza prossima ta’ l-incident u jirrizulta wkoll illi l-manuvra li ghamel il-konvenut la kienet pre-avvizata u lanqas ma setghet issir billi fit-triq li l-konvenut deher li ried jidhol kien vjetat id-dhul.

L-attur isemmi wkoll illi waqt l-incident il-konvenut kien taht l-influwenza tax-xorb. Dan il-fattur wahdu ma jwassalx biex it-Tribunal isib htija jew responsabbilta’ izda tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jidher illi meta l-konvenut intenta l-imsemmija manuvra wera dizattenzjoni jekk mhux ukoll dizorjentazzjoni u b’hekk m’huwiex eskluz illi l-influwenza tax-xorb kellu effett fuq is-sewqan tal-konvenut.

Ghar-rigward tal-*quantum* tad-danni mitluba, skond *survey* a fol 23 tal-process, dawn gew stmati ghall-sitt mija w erbgha w erbghin lira Maltin u sittin centezmu (Lm644.60c) li jikkomprendu sitta w erbghin lira Maltin (Lm46) *loss of use*. Effettivament, mill-ircevuti esebiti fil-fatt in-nefqa ghar-riparazzjoni telghet ghal hames mija u

wiehed u disghin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm591.65c) li jikkomprendu wkoll tnax-il lira Maltin (Lm12) *survey fees*. Ma gewx prodotti provi dwar il-*loss of use* u konsegwentement din il-parti tat-talba ma tistax tigi akkolta.

Jirrizulta wkoll illi minn din is-somma ta' hames mija u wiehed u disghin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm591.65c) il-konvenut hallas mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120) u ghalhekk proprjament l-ammont korrett li ghandu jigi llikwidat kontra l-konvenut huwa ta' erba' mija u wiehed u sebghin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm471.65c).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta' erba' mija u wiehed u sebghin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm471.65c) bl-interessi u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------